MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 287/2009

**Priscilla Cassar**

**Vs**

**Robert Farrugia**

F'din il-kawza diga' nghatat sentenza fit-3 ta' Ottubru 2013 (fol. 243). Il-qorti m'hijiex ser tirrepeti dak li diga' nghad u taghmel riferenza ghal kontenut tal-imsemmija sentenza. Din id-decizjoni titratta dwar it-tieni u tielet talba tal-attrici, li jaqraw:

*"(ii) Tillikwida s-somma dovuta lill-istess rikorrenti u dan okkorrendo l-hatra ta' periti nominandi;*

*(iii) Tikkundanna lill-intimat jhallas is-somma hekk likwidata fi zmien qasir u perentorju u fin-nuqqas, tordna illi l-proprjeta' sitwata f'49W, Triq il-Kapuccini, Kalkara liema proprjeta hija ahjar deskritta fl-att datat 28 ta' Novembru 2003 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon, tinbiegh fi zmien qasir u perentorju u jithallas nofs ir-rikavat lir-rikorrenti".*

Wara li l-qorti rat l-atti tosserva li:-

(a) Skond ir-rapport tal-perit tekniku Joseph Ellul Vincenti:

- Il-valur fis-suq tal-fond fis-sena 2009 kien ta' **€100,000**;
- Il-valur tax-xoghol u spejjez ohra li thallsu mill-konvenut fiz-zmien tal-gherusija kien ta' **€10,000**;

Il-perit tekniku qal ukoll li fl-istima li ghamel hemm inkluz *"... ix-xoghol imwettaq personalment fl-istess fond, mill-konvenut u missieru"* (fol. 297).

(b) Il-konvenut hallas is-somma ta' **€3,494.06** bhala parti mill-prezz u taxxa ta' **€978.34** (ara kuntratt ta' xiri tat-28 ta' Novembru 2003). Ikun hallas ukoll l-ispejjez notarili relatati mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt. M'hemmx prova kemm kienu. Il-qorti qeghda *arbitrio boni viri* tiffissa s-somma ta' **€600**.

(c) Biex xtara l-fond il-konvenut ha self ta' **€25,623** minghand HSBC Bank Malta plc. Skond it-taghrif li nghata mill-HSBC Bank Malta plc bhala kapital, imghax u spejjez relatati mal-polza ta' assikurazzjoni li kellha ssir biex jinghata s-self, il-konvenut ser ikun hallas lill-bank is-somma ta' **€50,475** [ara rendikont Dok. MF1 a fol. 263 u dokument prezentat b'nota fit-12 ta' Dicembru 2013 a fol. 281].

(d) L-attrici hallset lill-konvenut is-somma ta' €9,707.66 (ara pagna 10 tas-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013) li ghandha dritt tiehu lura.

(e) Hu fatt li l-qorti ordnat lill-perit tekniku sabiex jaghmel stima bazata fuq 2009. M'hemmx prova li l-proprjeta' nbieghet. Il-qorti m'ghandix dubju li l-proprjeta' ser tibqa' tizdied fil-valur. Il-qorti kkunsidrat x'ser ikun qieghed ihallas l-attur

sakemm jaqta' s-self kollu mal-bank [ara x'inghad f'paragrafu (iii) pagna 10 tas-sentenza][1]. Pero' gialadarba li ttiehdu in konsiderazzjoni l-pagamenti li ghad irid jaghmel il-konvenut sat-23 ta' Dicembru 2043, daqstant iehor irid jittiehed in konsiderazzjoni somma li tikkunsidra awment fil-valur tal-proprjeta fis-snin li gejjien. Jekk ma jsirx hekk tkun qeghda tinholoq ingustizzja fil-konfront tal-attrici gialadarba fil-kalkoli l-qorti qeghda tikkunsidra x'ghad irid jithallas fuq is-self li tinqata' fis-sena 2043. Cifra li l-qorti qeghda *arbitrio boni viri* tiffissa fl-ammont ta' **€20,000** meta tqies li fil-kalkolu gew inkluz pagamenti li ghad iridu jsiru sas-sena 2043 (ara dokument a fol. 281). Hu veru li jista' jkun li l-konvenut ibiegh il-fond qabel, pero dan iwassal sabiex jiffranka mill-imghax li skond it-taghrif li ta l-bank mit-23 ta' Novembru 2013 sat-23 ta' Dicembru 2043 ser ikun fis-somma ta' €14,005.03 li qeghdin jigu nkluzi fil-kalkolu li qeghda taghmel il-qorti.

Ghalhekk skond il-kalkoli tal-qorti, l-ammont li ghandha tithallas l-attrici hu s-segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| Valur tal-immobbli - | €120,000. | |
| Pagamenti lil HSBC sa' 2043 | (€50,475.40) | |
| Spejjez fil-fond | | (€10,111.40) |
| Hlas ta' prezz li ghamel l-attur | | (€3,494.06) |
| Taxxa fuq il-kuntratt | (€978.34) | |
| Spejjez notarili | (€600) | |
| Total | | **€54,340.80** |

Ghaldaqstant €54,340.80/2 = €27,170.40 + €9,707.66[2] = **sitta u tletin elf tmien mija u tmienja u sebghin ewro u sitt centezmi (€36,878.06)**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi t-tieni u tielet talba billi:**

1. **Tillikwida s-somma ta' sitta u tletin elf tmien mija u tmienja u sebghin ewro u sitt centezmi (€36,878.06)**.

[1] Il-qorti qalet: *"... fil-konteggi li jridu jsiru, il-konvenut irid jigi kkreditat nofs il-hlasijiet li ghamel u li ghad irid jaghmel fir-rigward tas-self u spejjez relatati mieghu"*.

[2] Flus li l-attrici tat lill-konvenut.

2. **Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' sitta u tletin elf tmien mija u tmienja u sebghin ewro u sitt centezmi (€36,878.06), bl-imghax mil-lum. Il-qorti mhux ser tipprovdi dwar il-kumplament tat-tielet talba gialadarba jekk ma jsirx il-hlas l-attrici tista' tipprocedi bil-hrug ta' atti ezekuttivi peress li s-sentenza hi titolu ezekuttiv.**

**Spejjez a karigu tal-konvenut**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------